**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 7 ta' Settembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Wayne Delia**
**ID: 574785(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Delia, iben Martin u Mandy nee` Warner, imwieled Pieta` nhar il-21 ta' Novembru 1985, residenti gewwa Farmhouse A, Vjal Santa Lucija, Paola u detentur tal-karta tal-identita` numru 574785(M);

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fil-lejl bejn is-27 u t-28 t'Awwissu 2017, ghall-habta tas-1.30am, u/jew fil-jiem ta' qabel, naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.), datat 2 ta' Frar 2015, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija ta'

Rahal Gdid bejn it-8am u t-8pm, u li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn jghix, bejn il-11 ta' filghaxija u s-6.30 ta' filghodu;

2. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 2 ta' Frar, 2015 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Wayne Delia. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' hames mitt Euro (€500) depozitati taht l-awtorita` tal-Qorti u sitt'elef Euro (€6,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulati fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' din l-imputazzjoni. Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni baqghet ma ressqitx provi u ghaldaqstant din ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fir-rigward ta' liema tqis illi l-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma kienx ta' konsegwenza serja. Qieset ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit, mil-liema jirrizulta li prezentatment l-imputat jinsab hieles minn sustanzi illeciti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed isib lill-imputat mhux hati tal-addebitu tar-recidiva u qed

tilliberah minnha, filwaqt li qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' hames mitt Euro (€500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekutivi ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fiz-zmien xahar mil-lum. B'dan illi kemm-il darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'prigunerija skont il-ligi.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni taghha izjed 'il fuq, il-Qorti mhijiex tordna l-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali imposti permezz tad-digriet ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli tat-2 ta' Frar 2015, kif lanqas ma qeghda tordna l-arrest mill-gdid tal-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat